# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

## Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Soċjetà Patristika Maltija

**Nru 3 21 ta' Awwissu 2017**



## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Is-sliem! Nittama li tinsabu tajbin. Dan il-kuntatt tagħna, minn xahar għall-ieħor, huwa kuntatt siewi u qed iħalli l-frott. Bil-mod il-mod, qed tikber il-familja tagħna – *il-familja tal-ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja*.

Niftakar fikom mhux biss meta nikteb dan il-messaġġ u nsawwar din in-*Newsletter*, imma wkoll meta l-Liturġija tal-Knisja toffrilna x-xhieda sabiħa u dejjiema ta' wieħed jew ieħor mis-Santi Padri. *F'dawn it-tifkiriet liturġiċi nkunu magħqudin fl-ispirtu, aktar minn jiem oħra*. Fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin se nfakkru lil Santu Wistin (28 ta' Awwissu), il-Papa San Girgor il-Kbir (3 ta' Settembru) u San Ġwann Griżostmu (13 ta' Settembru). *Jien inħeġġiġkom biex f'dawn il-jiem, taqraw siltiet mill-kitbiet tagħhom, jew nota bijografika dwarhom*. Fir-rigward ta' Santu Wistin, jien nirrakkomanda b'qalbi kollha n-numru sabiħ ta' xogħlijiet siewja ppubblikati mill-Provinċja Agostinjana Maltija u mill-Istitut Agostinjan – kemm traduzzjonijiet eċċellenti tal-kitbiet tad-Duttur tal-Knisja, kif ukoll ġabriet ta' studju dwaru u l-kuntest li fih huwa għex.

*L-appell tiegħi, minn issa, huwa l-parteċipazzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Patristika*, li kif konna ħabbarna fl-ewwel ħarġa tan-*Newsletter*, f'Ġunju li għadda, se ssir ***nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2017, fis-6.00pm***. Is-sehem ta' kull wieħed u waħda minnkom fil-Laqgħa Ġenerali huwa importanti ħafna. Il-Kumitat Organizzativ tas-Soċjetà jeħtieġ l-ideat u s-suġġerimenti tagħkom. Il-Laqgħa Ġenerali hija wkoll okkażjoni ta' informazzjoni u ta' kontabilità.

J'Alla nkomplu dan il-kuntatt ta' bejnietna. Nitlobkom ukoll biex tgħaddu din in-*Newsletter* tagħna lill-ħbieb tagħkom.

Dun Hector Scerri
Koordinatur



| | |
|---|---|
| Facebook: | Soċjetà Patristika Maltija |
| Indirizzi elettroniċi: | socjeta.patristika@gmail.com<br>hector.scerri@um.edu.mt |

# *Fuq Radju Marija*

Skeda ta' programmi dwar il-Missirijiet tal-Knisja, *Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj*, kull **nhar ta' Erbgħa fit-3.30pm**, b'ripetizzjoni it-Tnejn fil-5.30am u l-Ġimgħa fis-1.00am.

*Sa issa smajna dwar Melitone ta' Sardis (28 ta' Ġunju), Tertulljanu (5 ta' Lulju), Ewsebju ta' Ċesarea (12 ta' Lulju), Ilarju ta' Poitiers (19 ta' Lulju), Ċirillu ta' Ġerusalemm (26 ta' Lulju), Possidju (2 ta' Awwissu), Alipju (9 ta' Awwissu) u Ċirillu ta' Lixandra (16 ta' Awissu).*

Dawn huma l-programmi li jmiss:

| | | |
|---|---|---|
| 23 ta' Awwissu | **Pietru Krisologu** | (Hector Scerri) |
| 30 ta' Awwissu | **Eġerja** | (Nadia Delicata) |
| 6 ta' Settembru | **Ljun il-Kbir** | (Jonathan Farrugia) |
| 13 ta' Settembru | **Skolastika** | (Nadia Delicata) |
| 20 ta' Settembru | **Girgor il-Kbir** | (Hector Scerri) |

# *Siltiet minn Missirijiet il-Knisja*

Santu Wistin, mill-*Istqarrijiet* (X,27):

"Domt ma ħabbejtek, ġmiel hekk antik u hekk ġdid, domt ma ħabbejtek! U ara, inti kont ġewwa fija, u jiena barra minni nnifsi. Fittixtek barra, meta fil-kruha tiegħi nxtħett fuq il-ġmiel tal-ħlejjaq tiegħek. Int kont miegħi, iżda jien ma kontx miegħek. Żammewni 'l bogħod minnek il-ħlejjaq li ma kinux jeżistu kieku ma jeżistux fik. Inti sejjaħtli, u l-għajta tiegħek fetħitli widnejja torox; id-dawl tiegħek leħħ u idda fuqi, u keċċa l-għama tiegħi; int xerridt il-fwieħa tiegħek li daħlet fi mnifsejja, u issa nixtieqek; doqt tjubitek, u issa jien ġewħan u għatxan għalik; missejtni, u sirt imħeġġeġ għas-sliem tiegħek".

Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Traduzzjoni, Daħla u Noti ta' Val. B. Barbara (Malta: Provinċja Agostinjana Maltija, 1989), 300-1.

## *Laqgħa Ġenerali Annwali 2017*
## *tas-Soċjetà Patristika Maltija*

Il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2017 fis-6.00pm.
**Post**: Il-Kurja tal-Arċisqof, Floriana
*Dħul mill-bieb ta' wara, fi Triq l-Iljun.*

L-aġenda tal-Laqgħa u materjal ieħor jintbagħtu aktar tard.
Il-laqgħa tintemm sas-7.30pm.
Kulħadd huwa mistieden.